VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,114, 26 ta' Lulju, 2013
Taqsima B

A.L. 224 tal-2013

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2013 biex jemendew l-Ordinamenti tal-2010 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Science in Reproductive Health taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Mediċina u l-Kirurġija

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tal-Mediċina u l-Kirurġija bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81(1)(ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

It-Titlu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2013 biex jemendew l-Ordinamenti tal-2010 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-grad ta' Master of Science in Reproductive Health u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2010 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-grad ta' Master of Science in Reproductive Health taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Mediċina u l-Kirurġija, ippubblikati bħala Avviż Legali 404 tal-2010, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2013 jew wara.

L-Emenda għall-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali

3. Minflok il-paragrafu (a) tal-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"3. (a) il-grad ta' Doctor of Medicine and Surgery, kif definit f'Taqsima Ia tat-Tieni Skeda tal-Att dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa; jew"